## FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 1 t' Ottubru, 2021**

**Talba Nru: 327/2020 PM1**

**Raymond Ciappara (KI 232461(M)) u martu Louise Ciappara (KI 136562(M))**

**Vs**

**Bryden Azzopardi (KI 0104090(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-15 ta'Dicembru, 2020 li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemmhekk moghtija, l-atturi talbu li l-intimat jigi kkundannat ihallas is-somma ta'elfejn u sitt mitt euro (€2600) rapprezentanti bilanc ghal servizzi

rezi mill-istess attur a favur tal-konvenut, bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra d-dokument anness mal-istess avviz senjatament ir-rendikont tal-ammont dovuti mill-konvenut iffirmat mill-istess konvenut (Dok. A a fol. 3 tal-process).

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa li l-pretensjonijiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta fil-mori ta'dawn il-proceduri. Ra wkoll il-kontro-talba tal-istess konvenut li permezz taghha talab is-somma ta' tlett elef euro (€3000) rapprezentanti flus dovuti ghal spare parts u ricevuti fiskali li ma ghaddewx.

Sema x-xhieda tal-attrici u ra l-affidavit tal-attur prezentat waqt is-seduta tal-31 ta'Mejju, 2021.

Ra n-nota tal-atturi datata 4 ta'Gunju, 2021 u d-dokumenti annessi mal-istess senjatament messaggi telefonici mibghutin lill-konvenut.

Sema' x-xhieda ta' Tracy Azzopardi waqt is-seduta tal-25 ta'Gunju, 2021.

Ra r-rikors tal-atturi u d-digriet relattiv datat 20 ta'Settembru, 2021.

Sema' x-xhieda tal-attur in kontro-ezami waqt is-seduta tal-14 ta' Settembru, 2021.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tal-atti kollha.

Ra li l-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

**Ikkunsidra**

Illi din hija kawza li tirrigwardja talba ghall-kundanna ghall-hlas tas-somma ta' elfejn u sitt mitt euro (€2600) li l-atturi jallegaw li hija dovuta mill-konvenut in rapprezentanza ta' bilanc dovut ghal xogholijiet li twettqu u tlestew mill-istess attur fuq struzzjonijiet tal-istess konvenut.

Illi in sostenn ta' tali talba xehed l-attur fis-sens illi huwa kien renda servizzi ta' garr ta' gebel u terrapin lill-konvenuti u li s-somma mitluba minnu u minn martu tirreferi ghall-bilanc tal-kumpens dovut mill-konvenut lilu ghal dan ix-xoghol u wkoll bilanc ta' prezz ta' trakk u tiswija relattiva, mixtri minghandu mill-konvenut.

Illi xehdet ukoll l-attrici li kkonfermat li hija kienet tiehu hsieb ir-rendikont tal-pagamenti li kienu jsiru peress illi hi taf tikteb u taqra. F'dan is-sens ikkonfermat id-dokument 'A' anness mat-talba.

Illi ghal tali talba l-konvenut illimita d-difiza tieghu ghall-eccezzjoni ferm generika li l-pretensjoni attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt skont kif, skont hu, kellu jirrizulta waqt dawn il-proceduri.

Illi f'tali rigward it-Tribunal ma jistax ma jirrimarkax dwar in-natura tassew generika tal-eccezzjoni sollevata mill-konvenut u dana ghliex, kif inhuwa risaput, il-gudikant huwa marbut li jindirizza l-kawza entro l-paramtri stretti ta' dak li jkun gie mitlub u l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut. F'dan il-kaz il-konvenut eccepixxa semplicement li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt "*kif ser jirrizulta fil-mori ta' dawn il-proceduri*". F'tali rigward, fil-fatt, jinsab diga` deciz, fuq l-istregwa tad-decizjonijiet hemmhekk citati, anke minn dan it-Tribunal kif presjedut permezz tas-sentenza fl-ismijiet **77 Ltd. v. Melissa Scerri Seguna** datata 14 ta' Gunju, 2021:

> "*Hawn ukoll il-Qrati Taghna kellhom diga` l-opportunita` li jikkummentaw dwar it-tifsira li ghandha tinghata lil tali eccezzjoni. Per ezempju, l-Onor. Qorti tal-Magistrati fil-kawza fl-ismijiet* ***Maltacom p.l.c. v. Carmelo Bonello*** *deciza fit-18 ta' Frar, 2008 ikkummentat li tali eccezzjoni hija effettivament "eccezzjoni generika illi huwa nfondat imma ghaliex kellu jkun infondat ma rrizultax". F'tali rigward dan l-istess Tribunal kif diversament presjedut diga` esprima ruhu dwar l-effetti ta' tali eccezzjoni generika u vaga ghall-ahhar bhall-unika eccezzjoni imressqa mill-konvenuta f'dawn il-proceduri wkoll:*
>
> *"Huwa ferm wisq facli li konvenut f'kawza jaghti difiza/eccezzjoni wahda generika u jistenna – jew jippretendi – illi it-Tribunal joqghod jispigola*

*gewwa l-provi rakkolti matul il-procediment jew ifittex qalb l-eventwali sottomissjonijiet sabiex ilibbes lil tali difiza/eccezzjoni generika b'libsa partikolari. Dan m'ghandux ikun hekk. Hekk kif l-parti attrici ghandha turi sew u car x'qed titlob, il-kompitu tal-parti konvenuta hija li tindividwa sew ghaliex u kif qed tirrezisti istanza. (…) Ghalhekk, jekk il-konvenut ried xi haga partikolari biex il-qaghda tieghu tigi agjevolata jew biex minnha jiehu xi vantagg, hu kien mistenni jartikola hsibijietu b'mod idoneju u b'manjiera cara fil-mument appozitu (i.e., fl-eccezzjonijiet) u mhux li jkun ritwalment generiku, vag u/jew ekwivoku u informalment jikristallizza d-difiza tieghu man man li jiehu sura l-procediment jew fis-sottomissjonijiet finali." (***Dr. Jean Karl Soler v. Ministru ghas-Sahha*** *deciza minn dan it-Tribunal kif diversament presjedut fil-5 ta' Novembru, 2020)*

*A skans ta' ripetizzjoni it-Tribunal odjern jaghmel referenza ghal dak li jinghad f'din l-istess sentenza u jaghmel tieghu il-konkluzjonijiet raggjunti fir-rigward ta' tali eccezzjoni generika, liema konkluzjonijiet huma certament applikabbli wkoll ghall-kaz in ezami."*

Illi kjarament dak hawn fuq referit huwa perfettament applikabbli wkoll ghall-kaz in ezami. Jekk tramite l-eccezzjonijiet tieghu il-konvenut illimita ruhu ghad-difiza generika citata hawn fuq li, kif inghad, ftit isservi bhala difiza konkreta ghat-talba kif maghmulha, b'referenza ghad-dokumenti ezebiti mill-atturi u debitament iffirmati minnu huwa xehed u kkontesta l-istess billi qal illi huwa ma jafx jikteb u jaqra u kwindi meta kien qed jiffirma ma kienx jaf x'ammonti kienu qed jigu indikati. Madanakollu jibqa' l-fatt li tali ricevuti jinsabu iffirmati u kwindi approvati mill-istess konvenut li ma jidhirx li ha xi azzjoni legali sabiex jannulla jew b'xi mod jikkontesta l-firma tieghu fuq tali dokumenti bhala sinjal t'approvazzjoni ta' dak hemmhekk indikat. Huwa fil-fatt wisq facli li wiehed jipprova jahrab mill-effetti cari tal-firma tieghu fuq dokument biss *una volta* li l-kontoparti tipprova tezegwixxi jew tutilizza bhala prova dak li jkun gie hekk iffirmat u biss billi wiehed jghid li ma kienx jaf x'kien qed jiffirma ghax ma jafx jikteb u jaqra minghajr ma jiehu ebda azzjoni ulterjuri sabiex jittutela l-posizzjoni tieghu. F'dan il-kaz dan jghodd *multo magis* tenut kont li mhux biss l-istess konvenut

jikkonferma li l-firem huma tieghu u li n-numri jaf jaqrahom (xhieda moghtija minnu fil-25 ta' Gunju 2021) imma lanqas ma tressqet imqar eccezzjoni f'dan is-sens min-naha tal-konvenut. L-istess jghodd ukoll ghall-possibilita` ta' pagamenti li setghu saru lill-attur u mhux imnizzlin mill-attrici fir-rendikont taghha. Gjaladarba l-iskritturi debitament iffirmati mill-konvenut mhux qed jigu kkontestati permezz ta' proceduri gudizzjarji in linea mal-principju tal-*pacta sunt servanda*, hadd ma jista' jahrab mill-effetti ta' dak validament patwit, sancit bil-firma u kwindi rez vinkolanti fuq il-partijiet.

Tenut kont tas-surreferit, it-Tribunal ma jistax hlief li jsib li l-atturi rnexxielhom jippruvaw it-talba taghhom.

Illi permezz tal-kontro-talba tieghu il-konvenut qed jitlob is-somma ta' tlett elef euro (€3000) rapprezentanti parts u ricevuti fiskali (sic) li m'ghaddewx. F'dan ir-rigward il-konvenut xehed is-segwenti:

> "*Nghid li jiena s-somma li qed naqbel li hija dovuta lilu ma tajtilux peress li jiena nghid li fil-fatt jiena kont xtrajt trakk minghandu, jiena hallast il-flus ghalih u dan baqa' qatt ma gie ghandi. Nghid li fil-fatt jiena ma' dan it-trakk kont xtrajt ukoll xi parts fil-fatt t-trakk gie ghandi f'dan is-sens nikkoregi x-xhieda tieghi pero' dawn il-parts li jiena xtrajt ukoll baqghu ma gewx ghandi. Nghid li t-trakk bil-parts ukoll jiena hallast bejn erbat elef (4,000) u hamest elef (5,000) ghalihom. Fir-rigward tat-trakk jiena nhallsu hames mija (500) fix-xahar. Parts li baqghu ghandu u li jiena qatt ma rcevejt ghandhom valur ta' kwazi tlett elef (3,000). Fuq mistoqsija tat-Tribunal nghid li iva aktar xtrajt valur ta' parts milli l-valur tat-trakk. Jiena kont inhallas permezz ta' flus cash.*"

It-Tribunal jinnota li matul dawn il-proceduri iz-zewg partijiet jidher li ma tawx id-debita importanza lil tali kontro-talba li kienet saret tant illi l-atturi lanqas biss ressqu risposta ghall-istess. Cjonostante huwa car li kien jispetta lill-konvenut li jipprova l-pretensjoni tieghu imqar fuq bilanc ta' probabiltajiet, tenut kont li n-nuqqas ta' risposta da parti tal-atturi jista' jinftihem biss bhala konstestazzjoni tal-istess. Hawn ukoll, it-Tribunal jinnota li l-provi fir-rigward ta' dan l-aspett tal-kawza huma skarni ghall-

ahhar, mhux sorretti minn dokumenti u wkoll f'aspetti important ferm serjament kuntradittorji kif imfisser f' aktar dettall hawn that.

It-Tribunal ma jistax ma jinnutax f'dan ir-rigward li lilhinn mix-xhieda surreferita tal-konvenut baqa' ma sar ebda tentattiv f'dawn il-proceduri sabiex anke tramite l-kontro-ezamijiet lill-atturi jigi indirizzat dan il-punt. Min-naha tal-attur la tressqu provi dwar il-valur tat-trakk mixtri minnu wisq anqas dwar il-valur tal-parts relattivi. Lanqas ma tressqet ebda prova tal-pagament li huwa jghid li ghamel fir-rigward ta' tali parts li, skont hu, baqghu qatt ma gew ikkonsenjati lilu. It-Tribunal isibha ferm difficli jemmen li l-konvenut xtara truck bi prezz, hawn ukoll indikat mill-konvenut b'mod mill-aktar approssimattiv, ta' **<u>bejn erbat elef euro (€4000) u hamest elef euro (€5000)</u>**, u skont l-istess konvenut nefaq f'parts ghalih somma akbar mill-valur tal-istess trukk. Aktar minn hekk, ghalkemm il-konvenut jirreferi ghal somma approssimattiva "*ta' kwazi tlett elef euro*" li, skont hu, hija dovuta mill-attur lilu huwa baqa' qatt ma spjega kif, skont l-istess xhieda tieghu, huwa iddetermina tali somma u kif baqa' jhallas somom lill-attur meta, fil-verita` u jekk il-verzjoni tieghu kellha titwemmen (skont ukoll ix-xhieda ta' huh Tressie Azzopardi), kien proprju l-attur li kien debitur tieghu (tenut kont li skont il-konvenut u huh l-attur kellu jaghtihom madwar tlett elef euro (€3000) u huma debituri tieghu biss sas-somma ta' 'bejn elf u hames mitt euro (€1500) u elf u sitt mitt euro (€1600)' (f'dan is-sens ukoll ix-xhieda moghtija in kontro-ezami minn Tressie Azzopardi). Hekk ukoll it-Tribunal isibha daqstant iehor difficli li jifhem u jemmen kif il-konvenut hallas minn qabel somom ta' flus ghall-parts meta, fl-istess zmien, huwa jidher li kien debitur f'somom ohrajn li huwa kien qed ihallas ratealment, inkluz allura ghall-prezz tat-truck li huwa kien ircieva u li fir-rigward tieghu ghad hemm bilanc dovut. Lanqas giet indirizzata, min-naha l-ohra, ix-xhieda relattivament dettaljata tal-attrici fejn din tirreferi ghal diversi komunikazzjonijiet u inkontri, ukoll fil-presenza ta' omm il-konvenut, u wkoll ghal weghdiet ta' hlas u hlasijiet rateali mill-konvenut. Kieku dan kollu ma kienx bizzejjed sabiex jindika li l-konvenut ma lahaqx l-oneru tal-prova mqieghed fuqu fir-rigward tal-kontro-talba tieghu, it-Tribunal jinnota wkoll li jekk, kif inghad, il-konvenut jirreferi ghal somma ta' **<u>kwazi</u>** tlett elef euro (€3000) huh Tressie Azzopardi jirreferi ghal somma li "*l-valur taghhom **<u>jitla' fuq</u>** it-tlett elef (3000)*" (enfazi mizjuda). Aktar minn hekk Tracy Azzopardi stess ikompli jitfa' aktar dubbju dwar il-

verzjoni ta' huh meta in kontro-ezami jixhed li "*t-trakk u l-parts ahna xtrajnihom flimkien. Nghid li fil-fatt konna stipulajna somma wahda. Din is-somma li ahna stipulajna ghal dan it-trakk u l-parts kienet hamest elef euro (€5000)*". Tenut kont ta' din il-verzjoni it-Tribunal isibha difficli jifhem kif il-konvenut iddetermina l-valur ta' tlett elef euro (€3000) bhala prezz tal-parts allegatament mixtrija minnu. Huwa car li tali valur gie minnu hekk determinat b'mod unilaterali u pjuttost arbitrarju tenut kont li x-xiri tat-truck u l-parts jidher li sehh proprju versu prezz wiehed kif konfermat minn huh. Finalment tenut kont tas-surreferit jinghad li, wara li sema' liz-zewg partijiet, it-Tribunal ma jeskludix li l-kontro-talba kienet biss stratagemma tal-konvenut stess sabiex jipprova jxejjen it-talba attrici billi jikkontendi li huwa kienu debitur tieghu f'somma akbar minn dik reklamata minnu. L-aktar prova cara li ghandu quddiemu it-Tribunal tibqa' d-dokument sottoskritt mill-istess konvenut minn fejn jirrizulta li huwa debitur tal-atturi fis-somma mitluba. Ghalkemm kien certament ikun fl-interess tal-konvenut li huwa wkoll jirredigi skrittura fir-rigward tal-ammonti li huwa kien qed jghid li kienu dovuti lilu mill-attur, *multo magis* tenut kont li l-atturi kienu qed izommu rendikont bil-miktub tal-bilanc dovut minnu iffirmat minnu, jidher li l-konvenut m'ghamel xejn b'tali mod m'hemm ebda dokumentazzjoni li tikkontradici dak sottoskritt minnu. Ix-xhieda tal-konvenut u huh, fil-fehma tat-Tribunal, ma kenitx sufficjentement konsistenti u cara sabiex tikkontradici dak kjarament rizultanti mid-dokument iffirmat mill-istess konvenut. Tenut kont tas-surreferit it-Tribunal certament li ma jistax, abbazi tal-provi prodotti, jilhaq il-konvinciment morali rikjest minnu sabiex jilqa' l-kontro-talba jew imqar parti minnha.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jichad ukoll il-kontro-talba tieghu u kwindi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-istess attur is-somma mitluba ta' elfejn u sitt mitt euro (€2600) bl-imghax mid-data tan-notifika lill-konvenut tal-avviz odjern u cioe`mill-21 ta' Jannar, 2021 bl-ispejjez kollha jkunu a karigu tal-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil. M.A. (Melit.)**

**Gudikatur**